MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Numru. 326/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**IAN XUEREB**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **IAN XUEREB,** ta’ 26 sena, bin Jesmond u Josline nee’ Camilleri, imwieled tal-Pieta’, nhar l-14 ta’ Marzu 1987, residenti fi Block 6, Flat 3, Triq il-Fosos, Floriana u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 149887(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-13 ta’ Lulju 2011 ghal habta tas-sitta u hames minuti ta’ filghodu (06:05hrs) minn gewwa l-istabiliment Maypole li jinsab fi Triq il-Qalb ta’ Gesu, San Pawl il-Bahar:

1. Ikkommetta serq ta' telefon cellulari, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;
2. Kif ukoll talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.
Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom att mill-estratt tat-twelid, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u okkorrenza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (05) ta' April 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (05) ta' April 2013.

Rat fil-verbal tal-5 ta' April 2013 li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni akkuza stante l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza tas-serq.

Rat fl-istess verbal li l-imputat informa lill-Qorti li kellu problema ta' abbuz ta' droga u li kien qed jittanta jeghleb l-istess problema.
Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' April 2013 il-Qorti appuntat Probation Officer sabiex ihejji pre-sentencing report dwar l-imputat u dan bil-ghan li tali rapport jghin lill-Qorti taghti l-piena misthoqqa.
Rat illi fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2013 dehret il-Probation Officer Sharlet Fabri li pprezentat ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dokument CF.
Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta illi l-imputat ghandu bzonn gwida f'diversi oqsma tal-hajja tieghu fosthom biex jigi meghjun biex isib impjieg u biex jibqa' jzomm il-boghod mid-droga u biex jghix hajja iktar stabbli.

Illi ghalhekk il-Probation Officer hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jinghata ordni ta' probation skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 b'kundizzjoni li huwa jissottmetti ruhu ghat-testijiet medici rigward l-abbuz tad-droga. Inoltre l-Probation Officer fir-rapport taghha issuggeriet illi l-imputat ghandu jikkumpensa l-vittma Matthew Galea b'mod monetarju ghalkemm huwa jghix bil-beneficcju socjali.

Illi skont il-paragrafu hamsa (5) tal-ewwel parti tar-rapport taghha, huwa soffra danni u jixtieq illi jigi kkumpensat ghall-valur tal-mobile HTC Wildfire li kien xtara fl-ammont ta' tliet mitt ewro (€300).

Il-Qorti semghet il-Probation Officer tixhed u tghid illi l-imputat illum qieghed jindirizza l-problema ta' abbuz tad-droga tant li jattendi d-Detox kuljum u fil-fatt jinsab taht doza ta' 13mg ta' methadrone.

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li ghandha fuqha registrat gja seba' convictions fejn instab hati fuq diversi kontravenzjonijiet u reati dwar ksur ta' l-ordinanza tat-traffiku kif ukoll reat aktar serju ta' bejgh u traffikar ta' droga fejn l-imputat sahansitra gie anke kkundannat prigunerija.

Il-Qorti rat ir-rakomandazzjoni tal-Probation Officer sabiex l-imputat jinghata ordni ta' probation pero' in vista tal-antecedent tieghu kif rizultat fil-fedina penali ma thossx li din hija l-piena idoneja. In vista tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuza ta' recidiva l-Qorti hija f'pozizzjoni li taghti sentenza ta' prigunerija sospiza b'ordni ta' supervizjoni u b'ordni ta' kumpens.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi 261(c) u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat IAN XUEREB hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-valur u tikkundannah piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 28(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan ai termini tal-Arikolu 28H (3) il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lill-vittma Matthew Pace is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar ewro (€10) fix-xahar skont l-Artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tordna ai termini tal-Artikolu 28G (1) li l-imputat jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni tul iz-**

**zmien kollu tas-sentenza sospiza u dana skont id-direttivi msemmija fl-anness digriet.**
**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole bil-ghan li jigi nominat kandidat idejali filwaqt li taghti r-rakomandazzjoni taghha sabiex possibilment jigi nominat il-Probation Officer li hejja l-pre-sentencing report bil-ghan illi jkun hemm kontinwita’ fit-trattament tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------